MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**AUDREY DEMICOLI**

Seduta tat-30 ta' Jannar, 2004

Talba Numru. 2165/2003

**Transmec Services Ltd.**

**vs**

**Angelo Abela**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi prezentat fit-28 t'Ottubru 2003 fejn gie mitlub li l-konvenut jigi kkundannat ihallas lis-socjeta' attrici is-somma ta' mija wiehed u sittin Lira Maltija u sbatax –il centezmu (Lm161.17), rapprezentanti l-valur ta' konsenji ta' materjal ghall-bini mibjugha u konsenjati lill-konvenut mis-socjeta' attrici fuq inkarigu ta' l-istess konvenut. Peress illi nonostante diversi interpellazzjonijiet ghall-hlas, inkluzi zewg ittri legali datati 18 ta' Novembru 2002 u 9 ta' Dicembru 2002, il-konvenut baqa' inadempjenti u ma hallasx dak minnu dovut lis-socjeta' attrici

Bl-ispejjez u bl-imghax legali dekorribbli mit-8 ta’ Marzu 1999 sad-data ta’ l-effettiv pagament, kontra l-konvenut minn issa ingunt ghas-subizzjoni.

Ra li l-konvenut deher fis-seduta tad-9 ta’ Jannar 2004 fejn ammetta it-talbiet attrici kif dedotti fl-Avviz.

Ghaldaqstant, fuq ammissjoni, it-Tribunal jilqa' t-talba u jikkundanna lill-konvenut ihallas lis-socjeta’ attrici is-somma ta' mija wiehed u sittin Liri Maltin u sbatax –il centezmu (Lm161.17), bl-imghax kif mitlub.

L-ispejjes ta' dina l-istanza ghandhom jigu sopportati nterament mill-konvenut skond il-Ligi.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------